9 ta' Awwissu 2016

L-Onor Helena Dalli
Ministru tad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili
Barriera Wharf
Valletta VLT 2000

Onorevoli Dalli,

**Il-Ministru tal-Ugwaljanza m'għandux ikollu Chief of Staff li jipromwovi d-diskriminazzjoni**

Nirreferi għall-kummenti li għadda ċ-Chief of Staff tal-Ministeru mmexxi minnek is-Sur Ronnie Pellegrini b'rabta mal-akkużi ta' diskriminazzjoni fir-Residenza ta' San Vinċenz de Paul li saru mill-eks Assistent Direttur tal-istess Residenza Sur Dennis Tanti. Fil-kummenti tiegħu fuq Facebook, is-Sur Pellegrini qal li għandu jkun hemm preferenzi mal-ħaddiema Laburisti.

Fl-opinjoni tagħna, li nirrappreżentaw il-ħaddiema f'pajjiżna, dan il-kumment mhuwiex wieħed xieraq għal xi ħadd li jokkupa kariga f'Ministeru responsabbli mill-ugwaljanza, li, wieħed mill-għanijiet tiegħu hu li jassigura li f'pajjiżna ma jkunx hawn diskriminazzjoni. Hu ċar li l-Ministeru tiegħek hu mmexxi minn persuna li jemmen f'pajjiżna għandha teżisti d-diskriminazzjoni, u għalhekk it-twemmin tiegħu ma jagħmilx ġieħ lill-Ministeru li inti tmexxi.

Il-ħaddiem Malti u Għawdxi - li hu bieżel u jagħti qalbu fuq il-post tax-xogħol - mhux talli ma jistħoqqlux diskriminazzjoni kif qed jinstiga ċ-Chief of Staff tiegħek, iżda talli jistħoqqlu kull rikonoxximent għall-ħidma li jwettaq f'pajjiżna. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-ħaddiema ta' San Vinċenz de Paul li huma dedikati fl-interess tal-anzjani residenti ta' din id-djar.

F'dan id-dawl, u fid-dawl tal-fatt li l-pożizzjoni tas-Sur Ronnie Pellegrini bħala Chief of Staff tal-Ministeru li tmexxi int m'għadiex waħda tenibbli, f'isem is-Solidarjetà Ħaddiema Partit Nazzjonalista qiegħed ninsisti li tieħu passi kontra s-Sur Pellegrini u tneħħieh mill-kariga ta' Chief of Staff tal-Ministeru tad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili.

Infakkrek li s-Sur Pellegrini huwa persuna tal-fiduċja tiegħek *(person of trust)* li għażiltu int f'dik il-kariga u li għalhekk huwa bniedem li jirrifletti dak li taħseb int. B'hekk biss tkun qed twassal il-messaġġ li int qed tiddissassoċja ruħek minn dawn il-kummenti u li tikkundannahom. Fin-nuqqas ta' dan, ikolli nemmen li l-politika tiegħek hija wkoll waħda li temmen fid-diskriminazzjoni fost il-ħaddiema - xi ħaġa li ma tixraq lill-ebda pajjiż demokratiku, wisq aktar Malta.

Inselli għalik,

Ivan Castillo
President- Solidarjetà Ħaddiema Partit Nazzjonalista